**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 410/01JR**

**Arthur Douglas Turner**

**vs**

**Chervil Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm80.50), u fejn intqal illi:-**

**Ir-rikorrent gie inkarigat mis-socjeta' intimata jaghmel xoghol ta' accountancy u audit;**

**Illi meta r-rikorrent interpella lis-socjeta' intimata, anke permezz ta' ittra ufficjali ta' l-20 ta' April, 2001, fl-ammont ta' Lm80.50, rapprezentanti dirttijiet professjonali dovuta mis-socjeta' intimata, din baqghet inadempjenti;**

**Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' April, 2001, fl-ammont ta' Lm13.00, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali, u cioe' mill-25 ta' April, 2001 sal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgah x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut li kkonfermat li l-ammont intier mitlub fl-avviz ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentament pruvata, u wara li ra l-aritkolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm80.50), bl-imghax legali mill-25 ta' April, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, mhux inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' April, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjata' konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**